MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 171/2012

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju elf disgha mija u disgha u tmenin (1989) (Dok A);

Illi l-kontendenti ilhom separati de facto mill-elfejn u tlieta (2003);

Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti datata sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar elfejn u tnax (2012) Dok B;

Illi l-manteniment dovut lill-intimata ghall-htigijiet tal-minuri qed jithallas u ma hemm l-ebda prospett li dan ma jithallasx, filwaqt illi l-esponenti ddekadiet mid-dritt li titlob manteniment mill-intimat;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli illi ikun hemm rikonciliazzjoni bejn il-kontendenti, stante illi apparti li ilhom diversi snin jghixu separatament, presenzjalment it-tnejn ghandhom il-hajja separata taghhom;

Illi l-fatti su riportati  jissodisfaw il-kwesiti ghall-ottjeniment tal-hall taz-zwieg a tenur ta' artikoli 66A et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna :

1. Tippronunzja id-divorzju bejn il-kontendenti;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien kontemplat jinnotifika lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bid-digriet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li in forza taghha wara li ppremetta:

Illi l-esponenti gie notifikat bir-rikors promotur u bid-Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti u f'dan ir-rigward jirrileva illi, filwaqt illi, fil-principju, huwa ma jsibx oggezzjoni ghall-pronunzja tad-divorzju bejn il-partijiet, jehtieg illi dan isir skond il-procedura u d-dettami tal-Ligi – liema procedura ma jidhirx illi giet segwita bir-Rikors promotur.

Illi effettivament is-sentenza msemmija mir-rikorrenti illi permezz taghha giet ippronuncjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, m'ghaddietx in gudikat peress illi r-rikorrenti nfifisha intavolat appell mill-istess Sentenza permezz ta' Rikors ipprezentat nhar il-15 ta' Frar 2012, liema appell ghad irid jigi appuntat;

Illi kwindi l-partijiet effettivament ghadhom m'humiex separati de jure u ghalhekk il-procedura intentata mir-

rikorrenti odjerna ma kinitx applikabbli, u semai din kellha, ai termini tal-Artikolu 66F(1) tal-Kapitolu 16, titlob illi t-talba ghas-separazzjoni maghmula fil-kawza bin-numru 219/2006 fl-ismijiet Joseph Camilleri vs Grace Camilleri, titqies minflok bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju, fejn sussegwentement, il-Qorti kienet tisma lill-partijiet u taghti d-decizjoni taghha dwar l-istess sentenza unika;

Illi galadarba l-intimat ma segwietx din il-procedura, allura skond il-Ligi ghandhom bil-fors japplikaw it-termini tal-Artikolu 66F(3) tal-Kapitolu 16, illi jipprovdi illi meta wiehed mill-partijiet jaghmel talba ghad-divorzju meta tkun diga` saret talba ghas-separazzjoni, dawn it-talbiet ghandhom f'kull kaz jinstemghu u jigu decizi flimkien mill-istess Qorti;

Illi ghalhekk isegwi, minn kull ottika u tenut kont id-disposizzjonijiet kollha applikabbli, illi galadarba l-kawza tas-separazzjoni bejn il-kontendenti qieghda fl-istadju tal-appell dina l-Onorabbli Qorti mhijiex il-Qorti kompetenti biex tisma` u tiddeciedi dawn il-kawzi flimkien, u kwindi ma tistax tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-kaz;

Illi fi kwalunkwe kaz, l-esponenti ma ghandux ibati l-ispejjez ta' dina l-procedura.

Daqstant l-esponenti jissottometti ghall-attenzjoni ghaqlija u superjuri ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Marzu, 2012;
Rat l-atti kollha;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul peress illi

ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati mis-sena 2003 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment.

Illi l-Qorti semghet ukoll lir-rikorrenti bil-gurament taghha titlob illi tigi awtorizzata biex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Azzopardi u semghet lill-intimat fix-xhieda tieghu jiddikjara li ma joggezzjonax ghal din it-talba;

Il-Qorti tilqa din it-talba u tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha Azzopardi u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega f'dan ir-rigward.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------